**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2021.**

**Rikors nru: 369/2021 AGV ;**

**Ab**

**U**

**cd**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet datat 23 ta' Awwissu 2021 fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fil- 25 ta' Settembru 2010, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness, u mmarkat Dok A, u fejn minn daz-zwieg ma kellhomx wild naxxenti bejniethom;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separate b' kuntratt ppubblikat maghmul minn Dr Roberta Borg, datat 24 ta' Marzu 2015, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, mmarkat Dok. B;

3. Illi ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra li ilhom separati ghal dal-ahhar snin, illum qed jghixu hajja totalment  seperata minn xulxin.
4. Illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment stante li l-partijiet reciprokament irrinunzja ghal tali dritt minghand xulxin, u l- att tas-separazzjoni qed jigi osservat fl-intier tieghu. Ghal kull buon fini, qed jigi ukoll dikjarat li r-rikorrenti ab permezz tal-att, kienet irrivertiet ghal kunjom xbubitha u cjoe' b;
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ghal ragunijiet hawn fuq premessi l-esponenti bir-rispett jitolbu lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja d-divorzju, ossija l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**